mhux għan-nies. Shakespeare ried ibeżża' bl-arti. Dak il-ġenju fenominali kien daqshekk ieħor ġenju fenominali tal-psikoloġija. Kien jaf, l-ewwelnett, kif għandu jbeżża', u t-tieninett li l-biżgħa jġib bosta drabi riformi fil-karattru u ma jagħmilx ħażin.

Jekk int sa tibda taqra, fittex dak li jqanqlek u dak li jagħmillek il-ġid. Int waħdek issib li ma tkunx tista' ma titqanqalx u ma tagħmilx il-ġid lilek innifsek. Aħrab dejjem il-kotba ħżiena li qegħdin għat-tqanqil biss — mingħajr it-tagħlim tajjeb.

Jekk ser idduq ilmet in-Nil tal-qari, meta l-esperjenza tgħallmek li ma tkunx tista' tinfatam minnu, fittex li ma tixrobx mill-istess naħa tax-xmara. Għandek il-qari għall-pjaċir. Għandek l-istejjer, l-essays, id-drammi, il-biografiji, l-poeżiji u l-bqija li jistgħu jkunulek ta' l-akbar pjaċir spiritwali. Għax ir-ruħ ibiha l-għatx tal-qari sew bħalma l-ġisem jaqbdu l-għatx ta' l-ilma u tal-ħalib biex ma nsemmix id-drawwa ta' l-inbid li tista' ssakkar. Imma meta r-ruħ tisker bil-qari tajjeb ma tidnibx bħall-ġisem meta jisker bl-inbid tajjeb. Ħafna mill-inbid it-tajjeb għall-ġisem huwa dnub. Ħafna mill-qari tajjeb għar-ruħ huwa ġid, huwa kultura, u bniedem ta' kultura huwa bniedem li tiegħu pjaċir tagħmilha miegħu, huwa l-ġieħ u ż-żina ta' art twelidu.

Tonqosx li tixrob biex titgħarraf; biex taħżen ġo moħħok il-għerf li jiswa lilek u lil għajrek, sabiex tkun taf tagħrif xjentifiku, storiku, reliġjuż u l-bqija.

Ixrob biex titgħallem tkun raġel u tagħraf tagħżel it-taj- mill-ħażin.

Ixrol il-baqta tal-ħsibijiet ta' l-aqwa nies li tat id-dinja matul is-sekoli. Kemm huwa fqir min jaf *biss* bl-ismijiet bla ma qara u xtarr id-drammi ta' Shakespeare; bla ma daq min-Nil tad-'Divina Commedia', bla ma bill sebgħu fil-għasel ta' l-espressjonijiet kif biss Keats kien jaf jiktibhom fil-odi; bla ma ħass is-saħħa ġgantija u l-milja mbaqbqa ta' ruħ Shelly fil-għana tiegħu; bla ma stagħġeb u tkellem mal-karattri maħluqin minn Dickens u Scott; bla ma messitu l-ebda loqma mill-għerf ta' Churchill; bla ma ħass l-intensità psikoloġika uni-



versali tar-rumanzi, in-novelli u d-drammi ta' W. Somerset Maugham li sibt nies ta' l-iskola li ma jafux li jinsab ħaj bħala kittieb.

Ħafna mill-qarrejja ta' dan l-artikolu qed narahom jgħaqqdu l-poninjiet għalija talli ma semmejtilhomx l-awturi favoriti tagħhom. Din togħġobni. Turini kemm hemm x'taqra. Turini li ebda qarrej ma qara ktieb wieħed. Kull qarrej qara iktar minn ktieb wieħed. Kull qarrej igħildek li min daq ilmet in-Nil ma setax jinfatam minnu. Issa, ladarba biex tibqa' tixrob mill-ilma tan-Nil jinħtieġlek li l-ewwel tieħu l-ewwel dewqa, għax ma tibdiex taqra l-ewwel ktieb li jiġi f'idejk? Tgħidli li dan hu kliem żejjed. Inti ilek taqra u ma hemm l-ebda kittieb ġdid għalik. Jista' jkun, għad li sakemm tgħidli hekk forsi ma ndunajtx li faqqsu ħamsin elf kittieb ieħor għax il-kittieba ma jaqtgħu qatt bħar-ramel ta' ma' ġnub in-Nil. Nagħmillek mistoqsija? Insejtha l-Letteratura Maltija? La tgħaġġilx tgħidli li hi fqira. L-ewwel duqha. Nissuġġerilek taqra, bħala bidu, l-ktieb li jġib isem l-artikolu tiegħi. Hekk ser nagħmel jien.

## LILL-MEWT

*Ta'* ERIN SERRACINO INGLOTT

O Mewt jien tiegħek iżjed m'li tal-Ħajja. . . .
Għax ħajti ġisem li biż-żmien jitherra,
miġbud bħal deil ikaxkar jew jiġġerra
f'medda qasira ta' ftit snin bla ġrajja.

Hu xieraq li f'dal-jasar mhux minn rajja,
fin-niket jew fil-ferħ noqgħod nidderra;
iżd'int, Sultana tal-Ħelsien, dil-gwerra
ta' dnub u qerq waqqafha bla titlajja.

Bi ħsiebi fik inħossni t-triq inqassar,
u ma nħossux it-toqol ta' dil-balla
li 'l ruħi ma' dal-ġisem qiegħda tjassar.

Il-ħajja tgħaddas: int, o Mewt, ittalla'.
U dawlek dlam id-dinja jaf iħassar.
Il-ħajja l-bniedem. Inti, Mewt . . . int Alla!

*(Moqri fl-Akkademja tal-Għaqda).*